

Brussell, 8 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13738/25

ENV 983
AGRI 478

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	8 ta' Ottubru 2025
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D109481/01
Suġġett:	DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE fir-rigward tal-użu ta' ċerti materjali fertilizzanti mid-demel tal-bhejjem

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D109481/01.

Mehmuż: D109481/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D109481/01
[...] (2025) XXX draft

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' XXX

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE fir-rigward tal-użu ta' ċerti materjali
fertilizzanti mid-demel tal-bhejjem**

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE fir-rigward tal-użu ta' ċerti materjali fertilizzanti mid-demel tal-bhejjem

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(4), il-punt (a), tad-Direttiva 91/676/KEE, jistabbilixxi l-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' azzjoni biex jiġu applikati f'żoni vulnerabbli jew fit-territorju nazzjonali kollu f'konformità mal-Artikolu 3(5) ta' dik id-Direttiva. Skont il-punt 2 tal-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE, daww il-miżuri jridu jiżguraw li, għal kull farm jew unità ta' bhejjem, l-ammont ta' demel tal-bhejjem jew ta' demel ipproċessat applikat kull sena fuq l-art, inkluż mill-annimali nfushom, ma jaqbiżx ammont speċifikat għal kull ettaru, stabbilit għal 170 kg ta' nitroġenu (N) fis-sena.
- (2) Minn mindu ġiet adotta d-Direttiva 91/676/KEE, il-progress xjentifiku u tekniku fit-tekniki tal-ipproċessar tad-demel għamilha possibbli li jiġu manifatturati fertilizzanti (magħrufa bħala fertilizzanti "RENURE") li taħt ċerti kundizzjonijiet jaġixxu bħala "fertilizzanti kimiċi" kif definit fl-Artikolu 2(f) tad-Direttiva.
- (3) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni vvaluta li taħt ċerti kundizzjonijiet il-fertilizzanti RENURE għandhom potenzjal ta' lissija tan-nitroġenu u ta' effiċjenza agronomika simili għall-fertilizzanti kimiċi. Għalhekk, minħabba l-vantaġġ ambjentali li dawn il-materjali joffru billi jnaqqsu r-riskji tat-telf ta' nitrati fl-ilma meta mqabbla mad-demel, huma jistgħu jintużaw f'ammont li jaqbeż il-massimu għall-applikazzjoni tad-demel stabbilit fid-Direttiva 91/676/KEE, filwaqt li jiżguraw li jinkisbu l-oġettivi tad-Direttiva u benefiċċji agronomiċi adegwati².
- (4) Applikazzjoni usa' ta' fertilizzanti organiċi u ta' nutrijenti minn flussi tal-iskart riċiklat tista' ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa u s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni filwaqt li tistabbilixxi standards għoljin ta' sostenibbiltà, b'mod partikolari fir-reġjuni fejn l-użu tal-fertilizzanti organiċi huwa baxx. F'konformità mad-Direttiva 91/676/KEE, l-użu tad-demel u tad-demel ipproċessat jista' jnaqqas l-esponiment tal-bdiewa għall-prezzijiet volatili tal-fertilizzanti minerali u jgħib fi tmiemhom iċ-ċikli tan-nutrijenti. Il-Komunikazzjoni bit-titolu "L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-

-

¹ ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj>.

² Huygens, D, Orveillon G, Lugato E, Tavazzi S, Comero S, Jones A, Gawlik B, Saveyn HGM, Technical proposals for the safe use of processed manure above the threshold established for Nitrate Vulnerable Zones by the Nitrates Directive (91/676/KEE) (2020).

affordabbiltà tal-fertilizzanti”³ talbet għall-valutazzjoni ta’ aktar passi regolatorji u mhux regolatorji sabiex jinfirx aktar l-użu tan-nutrijenti rkuprati mid-demel tal-bhejjem.

- (5) Fl-2023, il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni tad-Direttiva 91/676/KEE bil-għan li tivvaluta, fost l-oħrajn, jekk dik id-Direttiva tippromwovix biżżejjed ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti minn diversi sorsi, inkluż id-demel ipproċessat, u l-iżviluppi teknoloġiċi fit-teknoloġiji tal-ipproċessar tad-demel li jirriżultaw fil-fertilizzanti RENURE.
- (6) Għalhekk, sakemm tiġi ffinalizzata l-evalwazzjoni tad-Direttiva 91/676/KEE, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw soluzzjoni *interim* biex jawtorizzaw lill-bdiewa jużaw il-fertilizzanti RENURE f’ammont li jaqbeż dak stabbilit fl-Anness III, il-punt 2, taħt ċerti kundizzjonijiet.
- (7) L-użu tal-fertilizzanti RENURE f’ammont li jaqbeż il-170 kg N għal kull ettaru fis-sena mid-demel tal-bhejjem jenħtieġ li jiġi awtorizzat bis-salvagwardji xierqa sabiex titjeb is-sostituzzjoni tal-fertilizzanti kimiċi bil-fertilizzanti organiċi, jitnaqqsu l-kostijiet għall-bdiewa u tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tas-settur agrikolu tal-Unjoni, b’tali mod li ma jipperikolax l-oġġettivi tad-Direttiva 91/676/KEE, anzi jgħin biex dawn jintlaħqu.
- (8) Minbarra l-impatt fuq il-kwalità tal-ilma, l-emissjonijiet tan-nitroġenu mid-demel u mill-bhejjem jaffettwaw il-kwalità tal-arja. L-użu tal-fertilizzanti RENURE jenħtieġ li jimxi id f’id mal-isforzi kontinwi biex jittaffew l-impatti ambjentali ġenerali. Għalhekk huwa meħtieġ li jkun hemm salvagwardji xierqa u li jiġi stabbilit limitu massimu għall-użu tal-fertilizzanti RENURE. Dak il-limitu jenħtieġ li jirrifletti l-karatteristiċi tal-fertilizzanti RENURE mid-demel tal-bhejjem, l-użu u l-kapaċità ta’ sostituzzjoni tagħhom, kif ukoll l-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tal-Anness III, il-punt 2.
- (9) Sabiex il-fertilizzanti RENURE jkunu jistgħu jissostitwixxu l-“fertilizzanti kimiċi”, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji tal-kwalità u kundizzjonijiet għall-użu tagħhom, f’konformità mal-oġġettivi tad-Direttiva 91/676/KEE.
- (10) Jenħtieġ li jiġu koperti biss metodi tal-ipproċessar li b’mod affidabbli jipproduċu materjali ta’ kwalità konsistenti f’konformità mal-kriterji speċifikati. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni vvaluta l-kriterji għall-konċentrazzjoni tan-nitroġenu minerali u tal-karbonju organiku f’materjali bħal dawn u ttestja kemm diversi proċessi huma affidabbli biex jipproduċu materjali konformi ma’ daww il-kriterji. Il-valutazzjoni turi li l-metodi tal-ipproċessar li ġejjin huma kapaċi jipproduċu materjali ta’ kwalità konsistenti f’konformità ma’ daww il-kriterji: it-tqaxxir u l-purifikazzjoni tal-ammonijaka għall-produzzjoni tal-imlieħ tal-ammonijaka, l-applikazzjoni ta’ osmosi inversa għall-produzzjoni tal-konċentrati minerali, u mlieħ tal-fosfat rikki fin-nitroġenu (struvit) preċipitati mid-demel tal-bhejjem. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċessi meħtieġa għall-produzzjoni tal-fertilizzanti RENURE li jissodisfaw il-kwalità meħtieġa sabiex tiġi żgurata sostituzzjoni affidabbli tal-fertilizzanti kimiċi.
- (11) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sikura fuq l-art tal-fertilizzanti RENURE, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa japplikaw standards stretti ta’ kwalità, inklużi limiti sikuri għall-kontaminanti u għall-patoġeni rilevanti f’konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-valuri ta’

³

COM(2022)590 tad-9.11.2022

limitu massimi, b'mod partikolari fir-rigward tal-preżenza tar-ram, taż-żingu u tal-mikroorganiżmi.

- (12) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1605⁴ jiddefinixxi punti ta' tmiem fil-katina tal-manifattura ta' ċerti fertilizzanti organiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, inkluż id-demel ipproċessat, li lil hinn minnhom id-demel ipproċessat ma jibqax soġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, sabiex isir jew ikun parti mill-prodotti fertilizzanti tal-UE msemmija fir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Id-demel għajr dak imsemmi fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1605 għadu soġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.
- (13) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu rekwiżiti għall-installazzjonijiet li jipproduċu l-fertilizzanti RENURE biex jiżguraw kontenut konsistenti tan-nutrijenti f'konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 91/676/KEE. Sabiex titħaffef l-applikazzjoni tagħhom fuq l-art f'konformità mar-rekwiżiti tal-għelejjel, il-fertilizzanti RENURE jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn informazzjoni xierqa dwar il-kontenut tan-nutrijenti tagħhom.
- (14) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni vvaluta l-impatti ambjentali u fuq is-saħħa u ppropona kriterji għall-użu tal-fertilizzanti RENURE bil-kundizzjoni u s-suppożizzjoni li ma jiżdidux l-ammont totali tad-demel prodott fl-Unjoni, l-għadd tal-unitajiet ta' bhejjem u d-densità tal-bhejjem.
- (15) Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw mill-qrib l-effett tal-awtorizzazzjoni għall-użu tal-fertilizzanti RENURE f'ammont li jaqbeż il-170 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena fuq il-popolazzjoni tal-bhejjem u l-produzzjoni tad-demel globali. Meta l-kontenut tan-nitroġenu tal-produzzjoni totali annwali tad-demel għal kull ettaru ta' erja agrikola utilizzata (EAU) ikun qed jaqbeż jew ikun f'riskju li jaqbeż il-170 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fl-Istat Membru kollu kemm hu jew fir-reġjuni NUTS 2 meta l-applikazzjoni tal-fertilizzanti RENURE tkun awtorizzata, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevjenu kwalunkwe żieda tagħhom f'dawk ir-reġjuni, sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm aktar effetti ambjentali negattivi mhux intenzjonati.
- (16) L-applikazzjoni fuq l-art tal-fertilizzanti RENURE tibqa' soġġetta għar-rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-fertilizzanti kollha (fertilizzazzjoni bbilanċjata) stabbiliti fl-Anness III, il-punt 1(3), tad-Direttiva 91/676/KEE. Peress li l-fertilizzanti RENURE huma maħsuba biex jissostitwixxu l-fertilizzanti kimiċi, jista' jkun meħtieġ li l-limitazzjonijiet fuq l-użu tal-fertilizzanti, f'konformità mal-prinċipju ta' fertilizzazzjoni bbilanċjata kif applikat fl-Istat Membru kkonċernat, jiġu rieżaminati fil-kuntest tad-deċiżjoni li dawn il-fertilizzanti RENURE iqisu dan. Jeħtieġ jitqiesu l-

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1605 tat-22 ta' Mejju 2023 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' punti ta' tmiem fil-katina tal-manifattura ta' ċerti fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbju l-ħamrija (ĠU L 198, 8.8.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1605/oj).

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali u derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1069/oj>).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj>).

pressjonijiet ambjentali addizzjonali possibbli li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-fertilizzanti RENURE, b'mod partikolari wara l-applikazzjoni tagħhom fil-ħarifa fuq l-għelejjel li jinħartu, u jittieħdu miżuri xierqa fil-programmi ta' azzjoni rispettivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-limitazzjoni tal-applikazzjoni fuq l-art tal-fertilizzanti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu osservati Prattiki agroambjentali tajbin, bħal koperturi veġetali haġġin jew miżuri ekwivalenti, biex jiġi evitat it-telf tan-nitroġenu fl-ambjent. Jenħtieġ li għalhekk jiġu stabbiliti dawn ir-rekwiżiti.

- (17) L-użu tal-fertilizzanti RENURE jista' jiġi assoċjat ukoll ma' riskju tal-emissjonijiet tan-nitroġenu permezz tal-volatilizzazzjoni mill-ħamrija, speċjalment fil-każ tal-fertilizzanti li fihom aktar minn 60 % ta' nitroġenu f'forom oħra għajr in-nitrati u pH oġġla minn 5,5. Għalhekk, sabiex jiġi evitati effetti negattivi fuq l-ambjent, jenħtieġ li jiġu osservati tekniki xierqa għall-applikazzjoni fuq l-art tal-fertilizzanti bħall-injettar, l-inkorporazzjoni immedjata ta' materjali applikati fuq is-superficcje, jew miżuri ekwivalenti.
- (18) Meta jawtorizzaw l-użu tal-fertilizzanti RENURE mid-demel ipproċessat, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu wkoll l-effetti possibbli tagħhom fuq il-kisba tal-oġġettivi tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁷, u tad-Direttivi 2000/60/KE⁸, 2016/2284⁹, 2020/2184¹⁰ u 2008/50/KE¹¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2018/848¹². L-użu tal-fertilizzanti RENURE jenħtieġ li ma jaffettwax jew ixekkel l-implimentazzjoni ta' daww id-Direttivi u ta' dak ir-Regolament. Fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu prekawzjonijiet partikolari fiż-żoni ta' Natura 2000 u madwarhom u fil-viċinanza taż-żoni tal-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb. Fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' hawn fuq, u qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-fertilizzanti RENURE bħal dawn, l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw l-impatt ġenerali fuq l-emissjonijiet tal-ammonijaka fir-reġjuni fejn hija awtorizzata l-applikazzjoni tal-fertilizzanti RENURE, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-oġġettivi ambjentali ma jiġux affettwati b'mod negattiv.
- (19) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' taqdi r-rwol tagħha skont id-Direttiva 91/676/KEE, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jawtorizzaw l-użu tal-fertilizzanti RENURE mid-demel ipproċessat, u jenħtieġ li jirrapportaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapport ta' kull 4 snin skont l-Artikolu

⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.07.1992, p.7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

⁸ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj>).

⁹ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/2284/oj>).

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2020/2184/oj>).

¹¹ Id-Direttiva tal-UE dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent u kif emendata fl-2024. Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1–44).

¹² Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1–92).

10 tad-Direttiva 91/676/KEE, dwar l-applikazzjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni, inkluża data annwali dwar il-produzzjoni tal-fertilizzanti RENURE, dwar il-popolazzjoni tal-bhejjem u dwar il-produzzjoni tad-demel.

- (20) Din l-emenda jenħtieġ li ma taffettwax l-obbligi tal-Istati Membri sakemm ma jagħżlux li jimplimentaw il-punt c il-ġdid fl-Anness III, stabbilit fl-anness ta' dan l-att.
- (21) Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi emendata d-Direttiva 91/676/KEE kif xieraq.
- (22) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/676/KEE,

ADOttat din id-Direttiva:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Il-President

[...]

[Agħżel bejn iż-żewġ għażliet, skont il-persuna li tiffirma.]

F'isem il-President

[...]

[Pożizzjoni]